MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 52/2010/1

**Gerald u Catherine konjugi Desira.**

**vs.**

**Joseph Barbara.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Joseph Barbara datat 14 ta’ Mejju 2010 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi b’sentenza tas-26 ta’ Jannar 2010, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) laqghet it-talba tal-atturi ghall-izgumbrament tal-esponent minn gewwa dik il-porzjon art maghrufa bhala *8th portion*, Bulebel iz-Zghir, Zejtun u ffissat zmien xahar sabiex l-esponent jizgombra mill-istess art.

Illi b'sentenza tad-9 t'April 2010, din l-Onorabbli Qorti kkonfermat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u ghall-fini tal-izgumbrament tal-esponent minn din l-ghalqa ffissat it-terminu ta' xahar mid-data tal-istess sentenza.

Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors, l-esponent ipprezenta rikors ghar-ritrattazzjoni minn din il-Qorti tal-kawza fl-ismijiet premessi a bazi tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi fir-raba' in kwistjoni l-esponent *oltre* l-prodott mizrugh li ghandu, huwa jzomm ukoll fosthom diversi annimali inkluzi baqar tal-halib, annimali tas-simna u anke zwiemel. L-esponent m'ghandux b'mod immedjat fejn izomm dawn l-annimali u lanqas jista' jaqbad u joqtolhom minghjar il-permessi necessarji tal-awtoritajiet. F'kull kaz jekk ikun kostrett joqtolhom qabel tigi deciza l-kawza jbati bi pregudizzu li ma jkunx possibbli jirrimedjah. Mill-banda l-ohra l-atturi m'ghadhom jahdmu r-raba'.

Illi huwa evidenti ghalhekk, li bl-esekuzzjoni tas-sentenza imsemmija qabel tigi deciza t-talba ghar-ritrattazzjoni, l-esponent ibati pregudizzju akbar milli jistghu ibghatu l-atturi intimati bis-sospensjoni tal-ezekuzzjoni.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja l-ordnijiet kollha li jidhrulha opportuni, tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza msemmija fl-ismijiet premessi moghtija minnha fid-9 t'April 2010 li biha ordnat l-izgumbrament tal-esponenti mill-porzjoni raba' maghrufa bhala *8th portion*, Bulebel iz-Zghir, iz-Zejtun.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-9 ta' Novembru 2010 (rikors numru 347/2004) fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Pawlu Lia ghal Joseph Barbara u Dr. Jonathan Spiteri ghar-ritrattat. Il-Qorti tinnota li r-rikors sabiex titwaqqaf l-eskuzzjoni tas-sentenza ghandu jkollu nkartament separat, u cioe` r-rikors a fol 199 tal-process, u ghalhekk l-istess rikors ghandu jigi notifikat lill-kontro-parti li jkollha sebat ijiem (7) zmien ghar-risposta, b'dan ghalhekk il-Qorti appuntat tali rikors ghas-smigh. Id-

difensuri trattaw il-kaz ta’ ritrattazzjoni. Il-rikors ta’ ritrattazzjoni gie differit ghas-sentenza ghas-27 ta’ Jannar 2011. Il-kawza tal-esekuzzjoni giet appuntata ghat-2 ta’ Dicembru 2010

Rat ir-risposta ta’ Gerald u Catherine konjugi Desira ghar-rikors ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija fid-9 ta’ April 2010 fl-ismijiet ta’ dan ir-rikors datat 12 ta’ Novembru 2010 a fol. 4 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi wara li permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta’ April 2010 gie deciz illi l-appell tal-intimat kellu jigi michud *stante* li rrizulta li ftehim ta’ kirja ma kienx hemm u li l-hlas annwali fil-kaz odjern ma kellux jigi interpretat bhala hlas ta’ kirja u ghaldaqstant gie konfermata s-sentenza moghtija fis-26 ta’ Jannar 2010 mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) u laqghet it-talba tal-esponenti u ffissat zmien xahar sabiex l-intimat jizgombra mill-art maghrufa bhala *8th portion* Bulebel iz-Zghir Zejtun, bl-ispejjez u imghax relattiv sopportat mill-konvenut.

2. Illi wara din is-sentenza, l-intimat appellant ipprezenta rikors ghal ritrattazzjoni ghab-bazi tal-**artikolu 811 (e).**

3. Illi r-ritrattand ukoll issottometta illi kontestwalment ma’ tali rikors, kien gie prezentat rikors ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza konfermata mill-Qorti tal-Appell pero` l-esponenti gew notifikati b’dan ir-rikors ghat-talba ta’ sospensjoni fis-seduta tad-9 ta’ Novembru 2010 li matulu kellha tigi trattata r-ritrattazzjoni ta’ dan il-kaz.

4. Illi l-esponenti jikkonfermaw li *stante* li ftit gimghat wara li giet moghtija s-sentenza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta’ April 2010, l-intimat ipprezenta r-rikors tieghu ghar-ritrattazzjoni tal-istess kawza, l-esponenti, unikament ghal ragunijiet prattici ma ghaddewx ghall-esekuzzjoni ta’ tali sentenza u b’hekk m’ordnawx l-izgumbrament tal-konvenut *stante* li kwalunkwe procedura li setghu jezercitaw ghal tali zgumbrament setghet tigi opposta mill-

intimat u mwaqqfa *in vista* tar-rikors ta’ ritrattazzjoni ntavolat mill-intimat sakemm tigi deciza l-kawza ta’ ritrattazzjoni li issa qieghda ghas-sentenza ghas-27 ta’ Jannar 2011.

Ghaldaqstant *in vista* tal-istadju li fihom issa tinsab il-kawza ghar-ritrattazzjoni u *in vista* tal-fatti kif esposti, l-esponenti fil-waqt li jzommu shih il-jedd moghti lilhom permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta’ April 2010, ma jopponux it-talba tal-intimat ghas-sospensjoni tal-istess sentenza pero`, unikament ghal ragunijiet ta’ pratticita`, kif spjegat, sabiex huma jkunu jistghu eventwalment jitolbu l-izgumbrament tal-intimat mighajr biza li jigu ostakolati minn din it-talba wara li l-kawza tkun giet kompletament deciza permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-istadju ta’ ritrattazzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-2 ta’ Dicembru 2010 quddiem il-Qorti fejn meta ssejjah l-appell ma deher hadd. Ir-rikors gie differit ghal provediment ghas-27 ta’ Jannar jekk ikun il-kaz.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-procedura hija abbinata mal-kawza ta’ ritrattazzjoni fl-ismijiet premessi (347/10) deciza llum fejn giet michuda t-talba tar-ritrattand ghar-ritrattazzjoni tal-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell deciza fid-9 ta’ April 2010.

Illi in vista tal-fatt allura li tali talba ta’ ritrattazzjoni giet michuda ma hemmx skop jew raguni ghaliex din it-talba tista’ tigi kkonsidrata positivament jew b’xi mod tigi milqugha u dan anke ghaliex l-istess vertenza ta’ ritrattazzjoni bid-decizjoni odjerna citata giet illum

konkluza u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti qed tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta ta’ Gerald Desira et datata 12 ta’ Novembru 2010 biss in kwantu l-istess hija b’xi mod konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talba kontenuta fir-rikors ta’ Joseph Barbara datat 14 ta’ Mejju 2010** ghar-ragunijiet hawn provduti u decizi.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti Joseph Barbara.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------